Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

Data tal-laqgħa: 27 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Laqgħa Numru 2 u ta' Laqgħa Urġenti Numru 3

4.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 2 u ta' Laqgħa Urġenti Numru 3. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

4.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 4.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

4.3.1 <u>Para 2.3.5 – Proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li bħalissa l-applikazzjoni qiegħda sa k/m Triq Mons F X Zahra. Il-Perit tal-Kunsill infurmaha li biex l-applikazzjoni tiġi estiża sa quddiem il-mużew tas-subien u jiġu nklużi l-isqaqin, l-ewwel irid isir *survey* tal-*area.* Il-Perit għandu jibgħat kwotazzjoni.

4.3.2.1 <u>Para 2.7 – Kontenituri tal-*Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>
Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jitneħħew il-kontenituri, is-Sindku flimkien mas-SE kellhom laqgħa ma' uffiċjali tal-GreenPak, bi qbil mal-Kunsilliera ġie deċiż illi l-kontenituri se jibqgħu, bil-kundizzjoni illi:

1. Se jitħallew bi prova sal-aħħar tas-sena, u f'każ li jibqa' jsir abbuż, jitneħħew immedjatament;
2. Is-sistema tal-*CCTV* se tkun imqabbda direttament mal-LESA, biex isir monitoraġġ b'mod aktar effettiv, u l-infurzar jista' jiġi trattat direttament;
3. GreenPak se ikunu qed inaddaf iż-żona minn tal-inqas darba fil-ġimgħa.

4.3.2.2 Is-Sindku talab li jitwaħħlu 2 tabelli kbar fuq *pole* li jindikaw li hemm *CCTV cameras* u l-multi għal min jinqabad iħammeġ. Is-SE se tordna t-tabelli.

**F'dan il-ħin (4.05pm) daħlet il-il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

4.3.2.3 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issuġġerixxa li kif jeħlu t-tabelli, ntellgħu *post* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill, b'ritratt tal-*area* nadif u ninfurmaw liż-żona qed tiġi ssorveljata. Il-Kunsill qabel ma' dan.

4.3.3 <u>Para 2.10.6 - Ċirkulari Numru SPI/SCI/12/2019 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni lesta, pero' għadha qed tistenna l-kunsens mill-Kappillan biex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

4.3.4 <u>Para 2.10.11 - Ċirkulari AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fil-proġett ADMIN4ALL</u>
Is-SE infurmat li bħala Kunsill irreġistrajna biex nipparteċipaw f'dan il-proġett.

4.3.5 <u>Para 2.10.13 - *Parking* fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli</u>
Is-SE infurmat li, bi qbil mar-residenta, tneħħiet l-*MC Bay* u saret kaxxa safra quddiem iż-żewġ bibien, biex nevitaw li jiġi ostakolat l-aċċess għar-residenzi.

## 4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.4.1 <u>Proġett ta' *traffic island* fi Triq il-Qarċilla</u>

Is-Sindku talab lis-SE biex tiffissa laqgħa fuq il-post mal-Perit sabiex ninfurmawh b'dan il-proġett u jkun jista' jibda jħejji l-pjanti neċessarji sabiex jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

4.4.2.1 Ilmenti fuq l-i*skip* li hemm fi Triq Wiġi Ebejer k/m Triq l-Annunzjata

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qed ikun hemm diversi lmenti fuq dan l-i*skip* għax mhux qed jitbattal regolarment u mhux qed jinżamm imsakkar, b'konsegwenza li kulħadd qed jarmi l-boroż madwaru. Dan l-i*skip* jintuża biss mil-Każin San Gabriel u minn Fra Giuseppe Wine Bar.

4.4.2.2 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Stephen Gatt sabiex jiltaqa' mal-entitajiet kummerċjali li hemm fiż-żona tal-pjazza, sabiex ninfurmawhom li skont il-liġi huma obbligati li jagħmlu arranġament privat biex jinġabrilhom l-iskart regolarment. Dan l-arranġament għandu jsir mill-aktar fis possibbli. L-entitajiet kummerċjali jistgħu jingħaqdu bejniethom u jqabbdu kuntrattur wieħed biex b'hekk l-ispejjeż ikunu minimi.

4.4.3.1 *Road markings* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-bankina fejn hemm il-*ficus* lesta, u r-residenti qed jitolbu li jsiru r-*road markings* f'dik il-parti minnufih. Is-SE infurmat lis-sinjali tat-traffiku l-ewwel darba se jsiru minn IM.

4.4.3.2 Is-Sindku talab lis-SE tinfurma lill-IM biex il-*parking bays* ta' fejn hemm il-bankina l-kbira l-parti ta' k/m Vjal Michaelangelo Refalo jsiru *45 degree parking* sabiex jidħlu aktar karozzi. Se ninfurmawhom ukoll biex meta jkunu ser isiru, niltaqgħu magħhom fuq il-post biex nispjegawlhom aħjar.

4.4.4 Applikazzjoni għal żvillup ta' Villa BenRikVille fi Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li din l-applikazzjoni qed tiġi rakkomandata li tkun approvata mill-PA u li kellhom jiġu sottomessi xi pjanti ġodda għal dan l-iżvilupp. Is-SE ser tniżżel il-pjanti l-ġodda mis-sistema tal-PA u tibgħathom lill-Kunsilliera.

4.4.5 Tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

Is-Sindku qal li tkellem mal-amministratriċi tal-Kunvent tal-Bon Pastur, fuq il-proġett ta' tħawwil ta' siġar tul il-ħajt ta' fejn hemm il-kontenituri tal-*Bring-in-Site,* li kien ġie approvat fil-Leġislatura preċedenti. Dan il-proġett ser jiġi diskuss mill-amministrattiv tal-Kunvent minħabba s-sigurta' tar-residenti ta' Dar Merħba Bik u ser jinfurmawna bid-deċiżjoni tagħhom.

4.4.6 Wied ta' Ħal Balzan

Dwar il-Wied ta' Ħal Balzan, is-Sindku qal l-aħħar aġġornament li għandu dwar dan il-proġett huwa li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew l-ewwel saff ta' tarmak sa ħdejn iċ-ċimiterju u wara jkomplu l-biċċa ta' fuq.

4.4.7 Tindif ta' spralli

Is-Sindku talab li jitnaddfu l-ispralli tal-ilma qabel ma tibda x-xita. Is-SE infurmat li nhar il-Ħamis, il-ħaddiema tal-Kunsill ser inaddfu l-ispralli ta' Triq il-Kbira u Triq Sant'Antnin. Dwar l-ispralli ta' Triq Birbal, ser tinfurma lill-TM għax dawn jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tagħhom peress li arterja prinċipali.

## 4.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.5.1.1 Mistoqsija mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef:

Wara li fil-laqgħa miżmuma b'urġenza nhar it-Tlieta 13 ta' Awwissu waqt id-diskussjoni dwar il-mozzjoni mressqa ġie suġġerit b'mod mill-aktar utli mill-*Minority Leader* li l-Kunsill għandu jipprovdi lir-residenti ta' Wied Ħal Balzan b'aġġornamenti regolari dwar ix-xogħol li qiegħed isir liema suġġeriment kellu appoġġ unanimu u wara li ġie konfermat li sabiex tali aġġornament ikun possibli kien ser isir kuntatt mal-Perit inkarigat sabiex il-Kunsill ikollu din l-informazzjoni meħtieġa; kien hemm xi risposta mill-Perit għat-talba tal-Kunsill għal tali informazzjoni sabiex dan l-aġġornament ikun jista' jingħata?

4.5.1.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta li bagħat il-Perit.

4.5.1.3 Il-Viċi Sindku qal li jinsab diżappuntat bir-risposta tal-Perit. Qal li għalih din l-*email* hija tal-mistħija, arroganti u li din ir-risposta turi kemm il-Kunsill għandu raġun li jinsisti għall-informazzjoni għax meta r-risposta tkun li ma tistax tipprovdi din l-informazzjoni lill-Kunsill, dan juri li hemm diżordni. Għalhekk, il-Viċi Sindku talab li din ir-risposta tiġi annessa mal-minuti tal-laqgħa sabiex tkun pubblika.

4.5.1.4 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ma qabilx u qal li għandna nitolbu permess tal-Perit qabel ma nippubblikaw ir-risposta, minħabba protezzjoni tad-data.

4.5.1.5 Is-SE issuġġeriet li mal-minuti jiġi anness biss il-kontenut tal-*email* mingħajr id-dettalji tal-Perit (Dok 1). Il-Kunsill unanimament approva.

## 4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

4.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 4.7 Pjan ta' Ħidma 2020 – 2024

4.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li skont l-Att dwar Gvern Lokali, sal-aħħar ta' Settembru, il-Kunsill irid issejjaħ laqgħa pubblika fejn fiha jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill. Is-SE spjegat li għandu jintbagħat invit f'kull residenza.

4.7.2 Il-Kunsill unanimament approva li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019 fis-7.00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Pjan ta' Ħidma se jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

## 4.8 Ħatra ta' Sottokumitati

4.8.1 Il-Kunsillier Stephen Gatt ippropona lil Publius Cordina, Silvio Scicluna u Daniel Muscat Caruana bħala membri fis-Sottokumitat tal-Ambjent.

4.8.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-membri.

## 4.9 *One-Way System* fi Triq Ġużè Bonniċi u toroq tal-madwar

4.9.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni fit-tul u fuq suġġeriment ta' wieħed mir-residenti li kien preżenti għal-laqgħa, il-Kunsill qabel li għalissa tiġi posposta sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan. Dan għaliex it-traffiku li qed jgħaddi mill-qalba tar-raħal żdied kemm ilhom għaddejjin ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan.

4.9.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issuġġerixxa li jsir *traffic count survey* fi Triq l-Annunzjata tas-sitwazzjoni preżenti u *traffic count survey* ieħor meta jitlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan. B'hekk, il-Kunsill ikollu stampa ċara meta terġa' tiġi diskussa din il-materja. Is-SE ser tiċċekkja ma' TM jekk dan hux possibbli li jsir.

4.9.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li resident qed jissuġġerixxi li jitwaħħlu xi tabelli *'Slow'* f'din iż-żona għax vetturi qed jgħaddu b'veloċita' qawwija. Is-Sindku qal li din il-problema, qiegħda fir-raħal kollu u mhux f'din iż-żona biss. I
Is-Sindku qal ukoll li fil-Leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien beda inizjattiva li kemm jista' jkun ma jitwaħħlux ħafna tabelli ta' dawn it-tip għax dawn ma jagħmlux effett. Qal ukoll li l-uniku soluzzjoni għal din il-problema hija li jsir infurzar.

4.9.4 Is-Sindku qal li kien hemm min issuġġerixxa li jitwaħħlu xi tabelli fid-dħul prinċipali tar-raħal, fejn hemm il-'Merħba' *signs* li jindikaw: *Respect the residents, please drive carefully* u *Keep the village clean*. Il-Kunsill approva li jsiru dawn it-tabelli. Is-SE ser tiċċekkja ma' tal-Merħba *signs,* jekk nistgħux inwaħħlu dawn it-tabelli magħhom.

**F'dan il-ħin (6.20pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.25pm.**

## 4.10 Jum Ħal Balzan 2019

4.10.1.1 <u>Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2019</u>
<u>Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt innomina lill-Maestro Lawrence Scicluna li ilu jmexxi l-kor tal-Knisja għal ħafna snin. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa issekondat. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

4.10.1.2 <u>Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali</u>
Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef innomina lill-Hospice Moviment għax-xogħol siewi li jagħmlu ma' nies

morda bil-kanċer. Is-Sindku issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

4.10.1.3 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Is-Sindku qed jinnomina lill-Kurt Cassar li huwa plejer internazzjonali tal-*basketball*. Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

4.10.1.4 Il-Kunsill iddiskuta u qabel lis-sena d-dieħla jiġu emendati r-regolamenti għal Premju Ġieħ Ħal Balzan sabiex tiżdied kategorija biex jingħata Ġieħ lill-ex-Kunsilliera.

4.10.2.1 Il-Kunsill unanimament qabel li Jum Ħal Balzan din is-sena jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 20 ta' Ottubru 2019.

4.10.2.2 Il-programm (mhux finali) għal Jum Ħal Balzan se jkun:

9:00am – Tlugħ tal-bandiera fil-pjazza
9:30am – Ċelebrazzjoni ta' Quddiesa għall-Okkażjoni
Għotja tal-Premju Ġieħ Ħal Balzan

Wara se jkun hemm *high tea* għand Carolinas li jinsab fil-pjazza stess.

4.10.3 Ser jiġi ċċekkjat mal-Kappillan jekk Ġieħ Ħal Balzan jistax jingħata fil-Knisja stess eżatt wara li tispiċċa l-Quddiesa.

4.10.4 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ingħaqad fi ftehim mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Inizjattiva Għotja ta' Demm, u għalhekk, bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Balzan, waħda mill-attivitajiet għandha tkun li l-Kunsill jorganizza ġurnata/ħin li fih residenti u membri tal-Kunsill jingħaqdu biex jgħatu d-demm. Il-Kunsill qabel li nagħmlu arranġament biex il-*mobile blood donation unit* ikun stazzjonat fil-pjazza, possibilment dak inhar ta' Jum Ħal Balzan u b'hekk nilħqu aktar nies.

4.10.5 Din l-attivita' se terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss biex jiġi ffinalizzat il-programm.

## 4.11 Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA

4.11.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-proposti tal-Kunsill għandhom jiġu sottomessi lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sal-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2019 u l-inizjattivi / proġetti jridu jkunu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2020.

4.11.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qal li l-aħjar isir xi tip ta' proġett minflok attivita' għax jitgawda aktar fit-tul mir-residenti. Issuġġerixxa li jsir xi ħaġa n-naħa ta' fuq tar-raħal għax normalment il-proġetti jsiru fil-qalba tar-raħal.

4.11.3 Is-Sindku qabel u ssuġġerixxa li jsir monument artistiku fuq Ħal Balzan, fit-*traffic island* li se ssir fi Triq il-Qarċilla. Il-Kunsill unanimament qabel.

4.11.4 Il-Viċi Sindku ppropona li ssir kompetizzjoni biex sa nhar l-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2019, artisti interessati, jissottomettu d-disinji tagħhom għal dan il-monument, biex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jagħżel disinn biex jiġi trasformat f'monument tal-bronż, irħam jew reżina. Il-Kunsill unanimament approva. Il-Viċi Sindku se jipprepara *poster* biex jiġi mtella' fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

## 4.12 Servizz ta' trasport għall-anzjani

4.12.1 Il-Kunsillier responsabbli mill-anzjani, Mary Louise Briffa infurmat lill-Kunsill li ġabet kwotazzjoni mingħand kumpanija tat-trasport li lesta li toffri *minibus 14 seater* minn Ħal Balzan għaċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara u l-isptar Mater Dei għal prezz ta' €23.60 mingħajr ritorn.

4.12.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li diversi lokalitajiet qed joffru servizz tat-trasport bit-Tuktuk. Dan is-servizz qed jiġi ffinanzjat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa qalet li ser tagħmel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari, Anthony Agius Decelis biex nistaqsu dwar il-possibilta' li dan is-servizz jibda jiġi pprovdut f'Ħal Balzan ukoll.

4.12.3 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li xi anzjani qed jitolbu li l-Kunsill jofri s-servizz ta' ħlas ta' kontijiet tad-

dawl u ilma. Is-SE qalet li fil-Leġislatura preċedenti kien ġie deċiż li dan is-servizz ma jiġix offrut minħabba nuqqas ta' riżorsi. Din it-talba ġiet diskussa u għalkemm ix-xewqa tal-Kunsill hija li joffri kemm jista' jkun servizzi, m'għandux biżżejjed impjegati, u għalhekk dan is-servizz ma jistax jiġi offrut.

## 4.13 *First Aid Course*

4.13.1 Peress li l-Kunsill ma sabx post fejn jistgħu isiru l-korsijiet *ICT for Beginners, i*l-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qed jissuġġerixxi li jiġi organizzat *First Aid Course* għar-residenti. Il-Viċi Sindku qal li għamel kuntatt ma' żewġ entitajiet li joffru dawn it-tip ta' korsijiet. Qal ukoll li l-Kunsill jista' jikri s-Sala Aurora biex dawn il-korsijiet isiru fiha.

4.13.2 Il-Kunsill unanimament approva li jiġi organizzat dan il-kors, bil-possibilta' li jsir f'Novembru jew Jannar, fil-ħinijiet ta' filgħaxija. Peress li t-terminoloġija bażika fil-*First Aid* hija bl-Ingliż, il-Kunsill qabel li l-kors isir bil-lingwa Ingliża, pero' fejn jistgħu jagħmlu użu tal-lingwa Maltija.

4.13.3 Kif jiġi magħżula d-dati, ser jiġi ppreparat *poster* biex jitqassam fid-djar kollha tal-lokalita'.

**F'dan il-ħin (6.10pm) il-Kunsillier Mary Louise Briffa talbet li tiġi skużata mil-laqgħa għal ftit minuti.**

## 4.14 Ġemellaġġi

4.14.1 Il-Kunsillier inkarigat mill-Fondi tal-UE, Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li hemm Fondi Ewropej speċifikament relatati ma' ġemellaġġi.

4.14.2 Issemmew il-lokalitajiet ta' Pedara u Ficara fi Sqallija. Dawn iż-żewġ lokalitajiet għandhom diversi similaritajiet mar-raħal ta' Ħal Balzan, l-iktar li t-tnejn jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Annunzjata.

4.14.3 Ġie deċiż li niktbu ittra lis-Sindki ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet biex ninfurmawhom li l-Kunsill huwa nteressat jingħaqad f'Ġemellaġġ ma' wieħed mill-lokalitajiet, u jekk huma interessati jgħaddulna l-proposti tagħhom.

**F'dan il-ħin (6.15pm) il-Kunsillier Mary Louise Briffa daħlet lura għal-laqgħa.**

## 4.15 Tħawwil ta' siġar fi Triq l-Imdina, Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq il-Qarċilla

4.15.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-siġar relatati mas-*Central Link Project* għandhom jitħawwlu minn IM fiż-żona identifikata mill-Kunsill (Triq l-Imdina il-parti bejn k/m Triq San Franġisk sal-Ambaxxata Libjana).

4.15.2 Is-Sindku infurma li, l-Kunsill kien applika għal skema sabiex jiġu pprovduti xi siġar biex jitħawwlu fil-bankina ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal De Paule. Dawn is-siġar se jitqassmu minn Ambjent Malta f'Settembru 2019.

4.15.3 Dwar Triq il-Qarċilla, is-Sindku qal li għandhom jitħawwlu wkoll siġar u pjanti fit-*traffic island* li qed tiġi proposta li ssir fi Triq il-Qarċilla.

4.15.4 Is-Sindku semma l-kuntratt li għandu l-Kunsill mal-ELC għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-ġonna. Is-SE infurmat li l-kuntratt eżistenti huwa validu sa Mejju 2021 u sal-lum għad ma ġejniex infurmati li ser jitterminaw il-kuntratt qabel.

4.15.5 Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li hemm numru ta' residenti li offrew l-għajnuna tagħhom biex intejbu l-ambjent tal-lokal, billi volontarjament jieħdu ħsieb eżempju t-tisqija u żbir. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, pero' din l-inizjattiva trid tkun taħt il-gwida u d-direzzjoni tal-Kunsill u mhux kulħadd jiddeċiedi minn jeddu x'għandu jagħmel.

## 4.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

4.16.1.1 <u>Dawl mal-faċċata tal-Kunsill u fil-*playing field*</u>
Is-SE ressqet kwotazzjoni sabiex jiġi installat dawl mal-faċċata tal-Kunsill u fil-*playing field* sabiex ikun jista' jinxtgħel b'kuluri varji kull meta jkun hemm xi kampanja ta' għarfien bħala *Pink October*.

4.16.1.2 Is-SE qalet li meta l-Kunsill kera d-dawl biex tinxtgħel il-faċċata tal-Knisja għal jumejn, l-ispiża kienet telgħet għal €300. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva lid-dawl jinxtara għax aktar *worthed* milli jinkera.

4.16.2 ***European Week for Waste Reduction***
Ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

4.16.3.1 **Librerija Miftuħa fil-lokalita'**
Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li minn riċerka li għamel, ġie nnutat li l-kunċett ta' Librerija Miftuħa qed taħdem pjuttost tajjeb meta kkomparata mat-*telephone box library.* L-unika problema li hemm bil-Librerija Miftuħa hija x'tip ta' kotba jpoġġu lura l-persuni li jużawha għax jista' jkun li ma jkunux addattati għat-tfal.

4.16.3.2 U għalhekk, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din issir fil-binja tal-Kunsill, biex b'hekk il-Kunsill ikollu aktar kontroll ta' x'kotba jitpoġġew lura. Il-Kunsill qabel li niċċekkjaw mal-*Malta Libraries* jekk dan il-kunċett hux permess, peress li ser tkun stazzjonata fl-uffiċċju tal-Kunsill.

4.16.4.1 ***Primary Health Care Educational Talks***
Is-SE infurmat li, dawn is-sessjonijiet normalment isiru bejn 10.30am u n-11.45am, u kull sessjoni hija twila 45 minuta. Il-Kunsill ikun irid jipprovdi l-post fejn se jsiru.

4.16.4.2 Is-Sindku talab li nġibu kwotazzjonijiet biex jiġi nstallat xi tip ta' *folding door* għas-sala li ssir il-laqgħa tal-Kunsill fiha. Dan għaliex meta jsiru xi laqgħat filgħodu, bil-klijenti dieħlin u ħierġin il-Kunsill, ma jkunx hemm privatezza. B'dan il-mod, dawn it-tip ta' sessjonijiet ikunu jistgħu isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill. B'dan il-mod, dan l-ispazju jkun jista' jiġu utilizzat aktar ta' spiss u mhux għal-laqgħat tal-Kunsill biss. Il-Kunsill unanimement approva u ser jiġi ordnat mill-aktar fis possibli.

4.16.4.3 Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li jsir xi tip ta' *partition* bejn il-bieb tat-*toilet* u l-uffiċċju tal-iskrivani biex ikun hemm aktar privatezza. Il-Kunsill ma qabilx, għax jekk isir *partition* se tingħalaq il-parti ta' fejn hemm l-iskrivani.

4.16.5.1 **Talba biex parti minn Triq il-Qarċilla ssir *one-way***
Is-Sindku qed jipproponi biex parti minn Triq il-Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata) ssir *one-way* li tipprojbixxi vetturi jidħlu minn Triq il-Kannizzata. Dan għaliex hemm periklu kbir meta tkun ħiereġ għal Triq San Franġisk għax ma tarax il-vetturi li jkunu ġejjin (*blind spot*). Is-Sindku qal li jekk din il-parti ssir *one-way* inkunu nistgħu inżidu xi *parking bays* ukoll.

4.16.5.2 Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Ġie deċiż li nibgħatu ittra lir-residenti ta' dik il-parti ta' Triq il-Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata) biex sal-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2019, jinfurmawna jekk għandhom oġġezzjoni għal din il-proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' deċiżjoni finali fil-laqgħa li jmiss.

4.16.6.1 **Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq San Franġisk k/m Triq Birbal**
Resident qed jitlob biex issir *sleeping policeman* fi Triq San Franġisk k/m Triq Birbal għax karozzi qed jibqgħu ħerġin b'veloċita' għal Triq Birbal.

4.16.6.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li suppost li diġa' hemm *sleeping policeman.* Ser tiġi ċċekjata ż-żona u jekk m'hemmx, ninfurmaw lir-residenti biex iġib approvazzjoni tar-residenti tal-madwar li jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom, biex il-Kunsill japplika għal permess ma' TM.

4.16.7.1 ***Parking Management System***
Kumpanija qed jaħdmu fuq proġett: *Parking Management System,* u qed javviċinaw lill-Kunsilli sabiex jiddiskutu dan il-proġett u jiġi identifikat jekk il-Kunsill ikunx interessat li jimplimenta tali sistemi fil-lokalita'.

4.16.7.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef u l-Kunsilliera Stephen Gatt u Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ser jiltaqgħu ma' din il-kumpanija.

4.16.8.1 **Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Santa Marija**
Residenta qed jitlob biex issir *sleeping policeman* (waħda jew tnejn) fi Triq Santa Marija għax karozzi qed jgħaddu b'veloċita'.

4.16.8.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax diġa' hemm problema tal-ilma tax-xita fit-triq u jekk isiru *sleeping policemen* ir-residenti jidħlilhom l-ilma ġewwa.

4.16.9.1.1 <u>Talba biex issir bankina permanenti fi Triq it-Tabib J Zammit</u>

Issa li tlesta l-bini tas-sit bl-isem Haven fi Triq it-Tabib J Zammit, ir-residenta qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex issir bankina permanenti quddiem id-dar. Il-BRO qed jissuġġerixxu li ssir minħabba s-sigurta' tar-residenti għax mingħajr il-bankina, kif joħorġu mid-dar jiġu eżatt fit-triq.

4.16.9.1.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ssir bl-istess materjal tal-bankina ta' maġenbha u lix-xogħol isir mir-residenta a spejjeż tagħha.

4.16.10 <u>Talba biex Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way*</u>

Resident qed jissuġġerixxi li Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way*. Ġie nnutat li l-Kunsill ressaq dan is-suġġeriment diversi drabi ma' TM u ma ġiex approvat.

4.16.11.1 <u>Talba għal kumpens – ħsara fuq il-bieb tad-dar u tal-garaxx minħabba l-ilma tax-xita</u>

Perit f'isem ir-resident qed jitlob kumpens ta' €2,217 għal ħsara li qed jallega li saret fuq il-bieb tad-dar 103, Triq Idmejda u tal-garaxx minħabba l-ilma tax-xita.

4.16.11.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill lir-resident kien għamel Protest Ġudizzjarju fuq din il-kwistjoni, u l-Kunsill kien issottomessa kontro-protest, fejn ikkontesta dawn l-allegazzjonijiet.

4.16.11.3 L-avukat tal-Kunsill tal-parir li nirrispondu lill-Perit billi niċħdu din it-talba għal kumpens u nirreferuh għal kontro-protest tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li nimxu fuq il-parir tal-avukat.

**F'dan il-ħin (7.00pm), is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa ilha li bdiet tliet sigħat u li skont il-Liġi dwar Gvern Lokali, laqgħat tal-Kunsill qatt m'għandhom jaqbżu t-tliet (3) sigħat, sakemm mhux maqbul mod ieħor b'mod unanimu. Il-Kunsilliera unanimament approvaw li titkompla l-laqgħa.**

4.16.12.1 <u>Bankina perikoluża quddiem il-garaxx ta' dar 103 fi Triq Idmejda</u>

Diversi residenta qed jilmentaw fuq bankina perikoluża li hemm quddiem il-garaxx ta' dar 103 fi Triq Idmejda. Żewġ residenti żelqu fuq ir-rampa tal-garaxx.

4.16.12.2 Is-Sindku spjega li din il-bankina kienet saret mill-Kunsill fl-2015. Ir-rampa quddiem il-garaxx imsemmi tiżloq mhux għax il-wiċċ huwa lixx imma għax wara li saret il-bankina kif suppost, il-Kunsill kien imġiegħel jaqla l-bankina u jagħmel ir-rampa kif inhi preżentament. Is-Sindku qal li b'dan il-każ huma nfurmati s-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis u d-Direttur Ġenerali Natalino Attard.

**F'dan il-ħin (5.45pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.50pm.**

4.16.13.1 <u>Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv</u>

B'referenza għal Artiklu 50 tal-Att:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 u 53, Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin u bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jaġixxi:

Iżda jekk f'dak il-Kunsill Lokali partikolari ma jkunx hemm impjegati f'dik l-iskala, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jinħatar minn Kunsill Lokali ieħor sakemm dan ikollu l-kwalifiki meħtieġa."

4.16.13.2 Fil-każ ta' Ħal Balzan m'għandux impjegati minn skala 11 'il fuq, għalhekk is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri innomina lis-Sur Mark Mallia, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imdina u li kien serva għal diversi snin bħala SE fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issekonda. Il-Kunsill unanimament approva li jinnomina lis-Sur Mark Mallia bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

4.16.14.1 <u>Talba biex jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kannizzata u Triq San Franġisk</u>

Resident qed jitlob biex jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kannizzata u Triq San Franġisk għax karozzi qed jibqgħu ħerġin minn Triq San Franġisk għal Triq Birbal.

4.16.14.2 Din it-talba ma ġietx approvata.

4.16.15.1 <u>Ilment fuq *double yellow lines* fi Triq San Gabriel</u>

Resident qed jilmenta fuq id-dyl li saru fuq naħa waħda tul Triq San Gabriel.

4.16.15.2 Il-Kunsill innota li dawn saru għax it-triq ma tippermettix li jipparkjaw fuq żewġ naħat peress li dejqa u kien qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku speċjalment meta jgħaddu vetturi kbar, meta jkun hemm karozzi pparkjati fuq żewġ naħat.

4.16.15.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minflok id-dyl nagħmlu 2 *parking bays* il-parti t'isfel u l-kumplament isir *single yellow line*, b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jieqfu sakemm iħottu x-xirjiet u/jew xi affarijiet li jista' jkun hemm bżonn.

4.16.16.1 <u>Laqgħa mal-Każin San Gabriel</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li l-Każin San Gabriel jixtiequ li ssir laqgħa mal-Kunsill biex jiġu identifikati xi Fondi tal-UE li jistgħu japplikaw għalihom, peress li jixtiequ jtellgħu xi bandisti jdoqqu barra minn Malta f'għeluq il-100 sena tal-Każin.

4.16.16.2 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef u l-Kunsilliera Mary Louise Briffa u Dott. Oliver Nicholas De Gaetano ser jiltaqgħa ma' rappreżentanti tal-Każin.

4.16.17 <u>*Parking Bays* fi Triq il-Papa Alessandru VII</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fi Triq il-Papa Alessandru VII, kien hemm *parking bay* twila li joqgħodu żewġ karozzi u attewha bis-*cement*. Se tiġi ċċekjata ż-żona u ser nerġgħu niżbgħuhom kif kienu.

4.16.18 <u>Żbir ta' siġar</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li jsir żbir tas-siġar tal-Wied ta' Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira. Is-Sindku talab li jinżabru wkoll is-saġar ta' quddiem *Smugglers*. Is-SE se tinfurma lill-ELC Ltd.

4.16.19 <u>Tabella '*Reserved for Disabled'* fi Triq It-Tabib J. Zammit</u>
Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano talab li titwaħħal tabella '*Reserved for Disabled'* quddiem Josette House, Triq it-Tabib J. Zammit għax għalkemm sar *refresh* tar-*reserved,* xorta qed jipparkjaw. Is-SE infurmat lill-Kunsill lit-tabella ser teħel la jitlestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li hemm fil-viċinanzi. Ir-residenta hija nfurmata b'dan.

## 4.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

4.17.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 8/19 li tammonta għas-somma ta' €25,969.92c, li tinkludi l-ammont ta' €39.38c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

4.17.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

4.17.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament taċ-ċekk nru. 9513 peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-proprjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 4.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

4.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25pm.

4.18.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Dok 1**

**From:** Details Removed
**Sent:** 21 August 2019 13:33
**To:** Balzan Local Council at Local Councils
**Subject:** RE: Urgent: RE: Fresh work in Balzan Valley

Re:- RE: Urgent:  RE: Fresh work in Balzan Valley

Kindly note that these are not fresh works as described in your email.

Please also note that this part of the road is still closed to the general public and is definitely not finished and completed.

Moreover, please note that these works are being carried out in order to link an existing drainage manhole to one of the newly laid main drainage pipe. This has been requested by WSC.

I am also informed that works within this area will soon be completed and we are currently co-ordinating with our contractors in order to scarify and lay new layers of asphalt within the Junction with Triq it Tabib Zammit in the coming days. These asphalt works are to arrive up to the garage opening near the cemetery.

Please do understand that all these works are being carried out by Infrastructure Malta for WSC – I don't know why the local council is being so aggressive with me. I have only been on this project for the last 2 months and a lot of progress has been made during my supervision. It is unfair to blame Infrastructure Malta and especially myself for everything that has happening within this road in the past year.

Kindly also note that I was on leave and could not reply before to the emails sent by the LC (attached for reference).

I believe the above should answer your questions.

With regards to the requested program of works – I believe you did not understand one of my previous emails when I explained that :-

- We are working in sections within this road in order to create as less inconvenience as possible to the general public and vehicular traffic.

- We are also working in sections in order not to expose all the existing drainage system at once – having a very large trench along all the length of the road (which would create a very large health and safety problem) making it impossible for all the existing residents and shops to use the road for a very large period of time.

- We are also working in sections as most of the entities have existing underground infrastructure which they do not even know about – and would need to be tested and shifted if still in operation.

Hence and in view of the above – it is very hard to even assume a program of works as every section which is opened is a whole new story which needs to be investigated and worked on – it is impossible to foresee / predict  any timelines even though we are pressing on the contractors to work as there are a lot of unknows within this road which are only brought to light during the excavation works.

Without prejudice.

You are kindly requested to refrain from further informing the general public that everything within this road is my Fault , using my name as an excuse to everything.

I have always replied to the LC emails as best as I could and whenever I was able to. I have always made myself available to meetings and to answer all your questions to the best of my knowledge.

Please note that the general public especially the residents and shop owners are not co-operating with us and are not following our traffic management and are parking in areas were we need to works – delaying the project more than necessary. However, these people are never being mentioned when criticizing the works within this road – it is only my name that is being brought up.

This is not acceptable as I am being slandered for everything related to this road – not considering the fact that I am doing the best that I can with what I am given and have always showed and made myself disponible to everyone.

Best Regards.

Details Removed

**Manager - North Region**


INFRASTRUCTURE MALTA

W: infrastructuremalta.com

Infrastructure Malta, Vjal l-Avjazzjoni, Luqa, LQA 9023, Malta